MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 318/2008

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali**

**-vs-**

**Madliena Village Limited (C2702)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta’ April 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ digriet datat 7 ta’ Diċembru 2007, il-Qorti laqgħet proviżorjament Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1857/07 fejn is-soċjeta’ intimata ġiet inibita milli jagħmlu xogħlijiet f’żona hemm indikata;

Illi, permezz ta’ rikors ippreżentat fil-21 ta’ Diċembru 2007, Carmelo u Alisa Farrugia, Paul u Anna Maria Camilleri u Carmel u Maria Theresa Falzon, illi kienu intavolaw il-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq imsemmi, ġabu lkoll a konjizzjoni

ta' dina l-Qorti l-fatt illi, minkejja l-ħrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ix-xogħlijiet baqgħu għaddejjin, u dana bi ksur tal-ordni tas-7 ta' 7 Diċembru 2007;

Illi fit-28 ta' Jannar 2008, wara illi l-Qorti rat ir-risposta tas-soċjeta' intimata, ordnat lir-rikorrenti sabiex jinbdew kontra l-intimati proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża;

Għladaqstant għar-raġunijiet premessi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lis-soċjeta' intimata Madliena Village Limited ħatja ta' disprezz għall-awtorita' tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi, partikolarment bil-piena kif ikkontemplata fl-Artiklu 1002 tal-Kap 12 kontra r-rappreżentant legali tas-soċjeta' intimata f'każ illi l-piena ma titħallasx.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata li r-rappreżentant legali tagħha Andre C. Cross, detentur tal-passaport Ingliż 038569851 huwa minn issa nġunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jiġi mġiegħel biex iwieġeb għall-akkużi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta, preżentata fis-6 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma inforndati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu respinti, billi ma kenitx s-soċjeta' esponenti li illi ordnat ix-xogħlijiet eżegwiti fil-proġett magħruf bħala Madliena Village Complex, gja' Busietta Gardens, fi Triq il-Fortizza, Madliena, limiti tal-Għargħur, liema xogħlijiet dejjem ġew eżegwiti fuq l-inkarigu ta'

socjeta' oħra bl-isem ta' Alfavil Construction Limited. Għaldaqstant, it-talbiet attriċi qatt ma jistgħu jissussistu fil-konfront tas-socjeta' esponenti.

2. Illi,mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma daqstant infondati, sew bħala fatt u kif ukoll fid-dritt, billima huwiex minnu illi saru xi xogħlijiet b'disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti .

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Diċembru 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenuti ġew ordnati biex jieqfu mix-xogħlijiet imsemmija fir-rikors promotur. Dan sar in segwitu għal rikors mill-persuni msemmija fir-rikors u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. … Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettika li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *- 7 ta' Ottubru 1997).*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri" Vol. LXXIV-iii-546**).

Illi kif ġia' ingħad, is-soċjeta' konvenuta qed issostni li hija ma kienitx ħatja ta' disprezz għaliex ix-xogħol li sar kien fuq inkarigu ta' soċjeta' oħra. Madankollu skond id-depożizzjoni Carmelo Farrugia jirriżulta ċar illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet għaddejja bix-xogħol fuq il-post u dan anke wara li kellhom l-ordni tal-Qorti biex tieqaf. Is-soċjeta' konvenuta ma ressqitx provi biex tirribatti l-provi li ressaq l-attur għalkemm ingħatat opportunita' biex tagħmel dan għal darbtejn.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta *ai termini* tal-artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap 12, tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta għall-ammenda ta' elfejn Euro pagabbli lill-attur.**

**L-ispejjeż tal-kawża a kariku tal-istess soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------